**56. L-Aġent Ministru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi bl-artikolu 21 ta' l-Att ta' l-1949 dwar id-Djar l-imsemmi Att kien limitat biex jispiċċa fit-12 ta' Frar, 1951, sentejn wara li ġie mgħoddi, kemm-il darba ma jitkompliex fis-seħħ skond dak l-artikolu;

U billi l-imsemmi Att qed ikompli fis-seħħ sat-12 ta' Frar, 1983;

U billi hemm maħsub f'dak l-artikolu illi jekk tgħaddi Riżoluzzjoni mill-Kamra tad-Deputati illi l-imsemmi Att għandu jitkompla fis-seħħ għal żmien ieħor li ma jkunx aktar minn tliet snin miż-żmien li fih kieku jispiċċa, dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien ieħor;

U billi huwa xieraq fl-interess pubbliku illi dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien ieħor ta' tliet snin;

Issa, għalhekk jiġi riżolut, u qiegħed b'dan jiġi riżolut, illi l-Att ta' l-1949 dwar id-Djar għandu jkompli fis-seħħ għal żmien ieħor ta' tliet snin sat-12 ta' Frar, 1986.

07.02.1983